# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Frar 2025**

**Rikors numru 1117/2022**

**Helen Gauci (K.I. 370162M)**
**vs.**
**Mary sive Marianne Gauci (KI. 195561M);**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2022, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti biex:

    i) Tiddikjara illi qua propjetarja fis-sehem tan-nofs (1/2) indiviż, ir-rikorrenti għandha dritt li tagħmel użu mill-qabar bin-numru 10 li jinsab fiċ-ċimiterju tan-Naxxar ai termini tal-artikolu 491 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
    ii) Tiddikjara illi r-rikorrenti għandha dritt li tidfen lill-mejjet raġel tagħha Albert Gauci (I.D. 186445M) fil-qabar bin-numru ghaxra (10) li jinsab fiċ-ċimiterju tan-Naxxar;
    iii) Prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, tordna li Albert Gauci (I.D. 186445M) jindifen fil-qabar bin-numru g]axra (10) li jinsab fiċ-ċimiterju tan-Naxxar.

    Bl-ispejjeż kontra l-intimata illi minn issa hija inġunta in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta tal-intimata ippreżentata fl-24 ta' Awissu 2023, permezz ta' liema opponiet għat-talbiet.

3. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Helen Gauci ppreżentata fid-9 ta' Settembru 2024.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Marianne Gauci ippreżentata fis-26 ta' Settembru 2024.

5. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

6. Rat li fil-verbal tat-18 ta' Novembru 2024, li il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

7. Il-partijiet huma komproprjetarji fi kwoti indaqs ta' nofs (1/2) indiviż tal-qabar numru għaxra (10) li jinsab fiċ-ċimiterju tan-Naxxar, li għadda b'wirt mingħand iz-zija tagħha Venera Attard. Ir-rikorrenti kienet miżżewġa lil ċertu Albert Gauci, kif jidher fl-att taż-żwieġ fol 67. Iżda kif ikkonfermat l-istess rikorrenti Helen Gauci fl-affidavit tagħha hija isseparat minn ma żewġha fit- 23 ta' Lulju 2020, qabel il-mewt tiegħu fit-12 ta' Marzu 2021. Permezz ta' dan il-każ hija qed titlob li l-ġisem ta' Albert Gauci jitqiegħed fil-qabar proprjeta komuni bejn il-kontendenti.

## Ċ. KUNSIDERAZZJONIJIET

8. Mhux kontestat li r-rikorrenti kienet komproprjetarja ma oħtha fir-rigward tal-qabar de quo. Il-pern tal-kwistjoni tirrigwarda prinċipalment it-talba tar-rikorrenti sabiex tidfen lil żewġha li minnu kienet separata, fl-imsemmi qabar fin-Naxxar, kontra x-xewqa ta' oħtha komproprjetarja.

## D. L-EWWEL EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

9. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari, il-konvenuta sostniet li r-rikorrenti riedet tipprova li hija kellha l-interess ġuridiku biex tipproponi din il-kawża, stante li talbet li fil-qabar in kwistjoni jindifen Bartholomeo sive Albert sive Robert Gauci, li skont id-dikjarazzjoni 'causa mortis' ppreżentata minnha stess bħala dokument A, mar-rikors promotur,

dakinhar tal-mewt tiegħu, l-attriċi kienet legalment separata minnu. Apparti minn hekk ma rriżultax li hija kellha xi rappreżentanza legali tal-interessi tiegħu.

10. Dwar l-interess ġuridiku, din il-Qorti diversament ippreseduta fil-kawża deċiża fit-30 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Maria Tabone u Nathalie Dowdall**, **aħwa Schembri vs. Joseph Schembri u Giorgina Alexander Schembri mart l-istess Joseph Schembri għal kull interess li jista' jkollha**, ġabret l-elementi kollha dwar l-interess ġuridiku, ossija li:

- irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni referibbilment ta' ksur ta' jedd u jibqa' jeżisti fil-kors kollu tal-kawża].[1]

---

[1] Fl-appell superjuri fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs. John Mousu pro et nomine** deċiż fit-28 ta' Frar 1997 (LXXXI-ii-429) ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali agir.

L-interess irid ikun ġuridiku, ċjoe ibbażat fuq xi dritt pretiż leż tal-atturi (**Mattiriolo** Vol.i pag.50; **Mortara** Vol p.588). Il-**Mattiriolo** f'dan ir-rigward jispjega li:

> L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e 'injuria datum', se cioe non e prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.

Il-liġi qiegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu d-dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta' nazzjoni.

Fl-appell ċivili **Philip Andrew Ransley et vs. Emanuel Coleiro et nomine** deċiż fid-29 ta' Jannar 1997 ġie deċiż li l-interess irid ikun dirett, personali u konkret jew attwali u irrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt.

Illi minbarra dan u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita tal-interess f'attur, fl-appell ċivili **Joseph Sammut et noe vs. Carmelo Attard,** deċiż fis-17 ta' Frar 1993 ġie deċiż li ried jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Inoltre fil-kawża fl-ismijiet **Mr Bookmaker.com Ltd vs. Stiftung De Nationale Spottotalisator** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-17 ta' Mejju 2011, u appell ċivili fl-ismijiet **Onor. E. Fenech Adami vs. Dr. George Abela et** deċiż fis-6 ta' Ottubru 1999 (Vol LXXXIii.ii.331) ġie sostnut:

> illi d-definizzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza nostrana ta' interess ġuridiku hi dik tal-**Mortara** li jgħid li l-interess ġuridiku huwa 'l'utilita finale della domanda giudiziale nel tema dell' asserita esistenza o violazione del dirittto**.**

Fil-kawża **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Jannar 2001 ingħad:

> illi għal bosta snin il-qrati taghna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. Tal-ewwel wieħed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu imqar iż-żerriegħa ta' l-eżistenza tajjeb u il-ħtieġa li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tiegħu minn ħaddieħor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku.

- irid ikun dirett
- irid ikun leġittimu [konformi għad-dritt tal-attur u mhux biss interess].
- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-qorti biex jottjeni dak li jitlob].
- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta' vantaġġ u utilità.
- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur.
- il-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċi lilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.
- irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.
- ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista' jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv.

11. Kien jeħtieġ ukoll li l-jedd ikun wieħed personali li jappartjeni personalment lil min qed jipproponi l-azzjoni b'mod li jwassal għal utilità u vantaġġ lil min ikun proċeda bil-kawża.[2] Konsegwentement, riedet tiġi stabbilita wkoll ir-rabta ġuridika bejn l-aġir abbużiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-dannu jew preġudizzju allegatament subit mill-attur.[3]

12. Il-konvenuta sostniet li :

(a) ir-rikorrenti kienet legalment separata minn Albert Gauci u ma kinitx hi li wirtitu;

(b) ir-rikorrenti kienet qed tippretendi li kellha xi awtorità jew dritt li tiddetta x'jiġri u fejn jiġi midfun il-ġisem ta' dak li kien żewġha meta ma kellha ebda mandat mingħandu;

(c) ladarba hija kienet legalment separata minnu ma kellha ebda jedd legali li tiddeċiedi fejn jindifen il-ġisem ta' Albert Gauci;

(d) ġaladarba r-rikorrenti ma kellha ebda awtorita u interess dirett u ebda mandat da parti tad-defunt Albert Gauci kellhom ikunu l-werrieta ta' Albert Gauci li jiddeċiedu fejn jindifen;

---

Ara wkoll l-appell ċivili **Falzon Sant Manduca vs. Weale** deċiż fid-9 ta' Jannar 1959 (Kollez. Vol. XLIII.i.11), kif ukoll **Alex Mangion vs. Anthony Cilia Pisani nomine** , deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Mejju 2004.

[2] Ara **Improved Design Limited vs Antoine Grima** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu 2004.

[3] Ara **Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et** deċiż mill-Prim Awla Qorti Ċivili fl-1 ta' Ottubru 2002.

(e) il-fatt li l-attriċi kienet komproprjetarja ta’ nofs indiviż tal-qabar de quo ma kienx jagħti lill-attriċi l-interess dirett li tiddeċiedi li Albert Gauci jiġi midfun fl-imsemmi qabar fin-Naxxar;
(f) ir-rikorrenta pretendiet li tikseb vantaġġ għal ħaddieħor (ossija d-defunt li kienet separata minnu) li pero ma kellha ebda awtorità legali fuqu jew jedd suċċessorju minnu;
(g) ma rriżultax li Albert Gauci ta struzzjonijiet lir-rikorrenta, jew li kien hemm xi tip ta' kitba li tistipula kif ir-rikorrenti kellha tiddisponi minn ġisem id-defunt.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenuta sostniet li r-rikorrenta ma kellhiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tittutela din l-azzjoni.

14. Ir-rikorrenta tenniet li l-kwistjoni tas-suċċessjoni ta’ Albert Gauci ma kienetx meritu tal-kawża li kienet bażata fuq il-jedd tagħha ta’ komproprjetarja (mhux kontestata) li tagħmel użu mill-fond komuni skont id-destinazzjoni tiegħu. B’hekk l-argument li l-konvenuta ma kellhiex l-interess ġuridiku tressaq din il-kawża kien legalment infondat. Il-fatt li l-eredi ta' Albert Gauchi ma kienux ukoll kompropretarji tal-qabar in kwistjoni kien immaterjali. Kienet ir-rikorrenti kompropjetarja tal-qabar in kwistjoni li setgħet tiddetermina x’użu tagħmel mill-qabar u konsegwentement tipproċedi b’dil-kawża.

15. Ma ġiex kontestat li r-rikorrenta kienet legalment separata minn ma Albert Gauci. Dan ġie pruvat kemm minn dak mistqarr fid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 15 ta’ Novembru 2021,[4] kif ukoll fl-affidavit tar-rikorrenta fejn dan il-fatt ġie ikkonfermat espressament.[5] Ġaladarba ġie stabbilit li r-rikorrenta kienet legalment separata minn ma Albert Gauci, kien preżunt li waħda mill-konsegwenzi mnissla minn tali separazzjoni kienet li d-dritt jew awtorità ta’ konjuġi fuq il-parti l-oħra qua konjuġi jispiċċa.

16. Ir-rikorrenta tqis il-kawża tagħha prinċipalment mill-lenti ta’ dak li jipprodvi l-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili dwar l-istat ta' komproprjeta u ma tissottometti xejn dwar il-karenza o meno tal-interess ġuridiku neċessarju sabiex tipproponi azzjoni ta' din ix-xorta.

---

[4] Dok A, a fol 4, fejn hemm indikat speċifikament li Helen Gauci kienet legalment separata minn Bartholomeo sive Albert sive Robert Gauci.

[5] A fol 58 tgħid hekk:

> Nispjega li nhar it-12 ta' Marzu 2021 miet Bartholomeo sive Albert Gauci li jigi l-eks ragel tieghi u missier uliedi Clyde u Elaine. Ngħid li minkejja li kont legalment separata minn ma' Albert Gauci, jien u hu kellna relazzjoni tajba ħafna sa mewtu. Infatti jien u hu konna ilna miżżewġin aktar minn 30 sena u kien biss ftit xhur qabel ma miet li konna legalment sseparajna minn xulxin. Infatti aħna konna sseparajna legalment nhar it-23 ta' Lulju 2020.

17. Il-fatt li r-rikorrenta kellha relazzjoni tajba ma’ żewġha minkejja li kienet legalment separata minnu, għalkemm jagħmlilha ġieħ mill-banda l-oħra ma jtihiex id-dritt, l-awtorità u l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tordna l-ispostament tal-ġisem tiegħu biex huwa jiġi midfun fil-qabar li tiegħu hija komproprjetarja.

18. Għalhekk l-interess tagħha biex tipproponi l-kawża, b’mod partikolari t-tieni u t-tielet talba, ma jistax jitqies li jissodisfa l-ħtieġa tal-attwalita u ż-żamma tiegħu matul l-azzjoni kollha. Jekk xejn dan in-nuqqas kien jeżisti mill-bidu nett. Ma jistax jitqies li ssodisfat it-test tan-neċessita, l-attwalita, leġittimita u ġuridiċita tal-interess ġuridiku.[6] Mill-lat legali ma jistax jingħad li r-rikorrenta kellha interess leġittimu li titlob li Albert Gauci jindifen fil-qabar li tiegħu hija kompropjetarja. Għalkemm verament li din l-azzjoni tagħha tista’ titqies bħala forma ta’ “użu” da parti tagħha tal-qabar in kwistjoni, il-punt bażilari huwa jekk dak l-użu kienx wieħed legalment possibbli kemm mill-lat tas-“suġġett” ta’ dak l-użu, ossija l-fdalijiet ta’ Albert Gauci, kif ukoll mill-lat oġġettiv marbut mal-jedd tal-użu tal-oġġett komuni mill-komproprjetarji kollha.

19. L-użu propost minnha kien dak li tqiegħed il-fdalijiet ta’ dak li kien żewġha fil-qabar li tiegħu kien sid in komun m’oħtha. Hawnhekk il-kwistjoni ddur mhux daqstant dwar jekk hija setgħetx tuża l-qabar komuni, daqskemm jekk hija setgħetx tiddeċiedi hi li dak l-użu li riedet tagħmel minnu jkun jissarraf filli tqiegħed il-fdalijiet ta’ Albert Gauci f’dak il-qabar komuni. Allura riedet qabel xejn tipprova mhux biss li hija kellha interess ġuridiku li tipproponi din il-kawża biex tuża l-qabar komuni, iżda wkoll li hija kellha wkoll l-interess ġuridiku li tagħmel dak l-użu partikolari li pproponiet ossija l-interess leġittimu li tieħu d-deċiżjoni li l-fdalijiet t’Albert Gauci jiġu mqegħda f’dak il-qabar li tiegħu kienet komproprjetarja. Riedet turi l-konġunzjoni bejn il-jedd tal-użu tagħha tal-qabar qua komproprjetarja, mal-jedd tagħha li tieħu d-deċiżjoni li Albert Gauci jindifen f’dak il-qabar u li allura dak il-jedd tal-użu tagħha kien ukoll jikkonsisti fis-setgħa deċiżjonali fejn jindifen Albert Gauci.

[6] Ara f’dan is-sens l-appell ċivili **Joseph Micallef vs. Peter Mifsud et** deċiż fil-11 ta’ Jannar 2016 fejn inghad:

> Minn dan jikkonsegwi l-interess ġuridiku jrid neċessarjament ikollu il-karatteristiċi magħrufa, jiġifieri li dak l-interess ikun **dirett**, **leġittimu** u **attwali**. Fl-ispjegazzjoni pprovduta mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Wing Commander James Maxwell Watson vs Leonardo Sacco et** (20.01.1950) L-interess jingħad li hu **dirett** meta jkun tal-persuna rappreżentata, u ċjoè meta jappartjeni lill-bniedem proprio jew membru tas-soċjetà, barra mill-każijiet eċċezzjonali tal-azzjoni popolari. Jingħad **leġittimu** meta huwa konformi għad-dritt ta' min ikun għamel il-kawża, u ma jridx jeċċedi jew joħroġ minn miżura ta' drittijiet tal-persuna li tkun qegħda taġixxi sabiex jidħol u jinvadi l-isfera ta' drittijiet ta' ħaddieħor. Fl-aħħar nett, l-interess irid ikun **attwali** u ċjoe irid jeżisti fil-mument meta tiġi proposta l-azzjoni, ċjoè jrid jirrigwarda l-preservazzjoni ġo dritt li jkun diġà jeżisti anki jekk dak id-dritt ikun jiddependi minn xi kundizzjonijiet jew ikun jirrigwarda anke danni eventwali.

20. Apparti minn hekk ir-rikorrenta riedet turi li permezz ta' din l-azzjoni u permezz tat-talbiet kif dedotti kienu sejrin iwaslu għal xi vantaġġ u utilità.[7] F'dan il-każ is-suġġett involut bniedem, ossija l-fdalijiet tiegħu u mhux xi *res* kwalunkwe. Ma ġiex pruvat x'vantaġġ jew utilita' Albert Gauci setgħa jibbenefika minnha. Wara kollox l-anqas hemm prova li turi li b'xi mod Albert Gauci, f'ħajtu, kien wera xi xewqa li jiġi midfun f'dak il-qabar partikolari. L-anqas ma r-rikorrenti wriet x'vantaġġ jew utilita' setgħet tieħu mill-fatt li t-talbiet tagħha jiġu milqugħa, aktar u aktar meta hija kienet legalment separata minn ma Albert Gauci.

21. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-interess ġuridiku tal-attriċi li tipproponi t-tieni u t-tielet talba huwa nieqes.

22. Kwantu għall-ewwel talba, il-Qorti ġiet mitluba tiddikjara li r-rikorrenta, qua proprjetarja ta' nofs (1/2) indiviż tal-qabar de quo kellha d-dritt li tagħmel użu minnu ai termini tal-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili. Kif diġa ġie rilevat, l-istat ta' komproprjeta tal-qabar in kwistjoni ma ġiex kontestat. Il-kontestazzjoni prinċipali hija dwar in-natura tal-użu li hija riedet tagħmel minn dan il-qabar fis-sens li l-użu li riedet tagħmel minnu kien jinkludi li tidfen lill-żewġha li minnu kienet legalment separata fil-qabar li kemm ir-rikorrenta kif ukoll il-konvenuta kellhom sehem tan-nofs (1/2) indiviż minnu.

23. L-ewwel talba mhix merament dikjaratorja. Hija titlob lil Qorti tiddikjara li in kwantu hija proprjetarja ta' nofs (1/2) indiviż tal-qabar de quo, hija kellha d-dritt li tagħmel użu minnu fis-sensi tal-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:

Kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun basta

[7] Fil-każ **Kevin Chircop vs. Joseph Chircop** deċiż mill-Prim Awla fit-28 ta' Jannar 2004, ingħad:
In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili l-interess hu li l-miżura tal-azzjoni (Vol XXXVII.II.608) hu rekwiżit tal-interess hu indispensabbli għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol.XXXVII.I.507). L-interess hu il-bażi tal-azzjoni. (Vol XXIX.I.891); ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol.XXX.I.317).

L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduċi riżultat vantaġġjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta, u l-interess irid ikun ġa twieled, u jrid ikun attwali biex tiġġustifika l-azzjoni (Vol.XXXIII.I.108).

Biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju kif ukoll biex imantniha hemm bżonn li jkollu interess fiha; jiġifieri hemm bżonn li d-domanda ġġiblu riżultat utli; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (Appell **Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana** – 03.12.1984- Vol. LXVIII.II.233).
(Ara wkoll **Cristino Chircop et vs Awtorita tal-Artijiet et** (499/17) deċiża mill-Prim Awla fis-26 ta' Marzu 2018; **Gladys Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited et** (619/1997/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Mejju 2009).

(a) li jinqeda bil-ħaġa skond id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu;
(b) li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom.

24. Dan l-artikolu jitratta l-kompropjetà in ġenerali. Huwa paċifiku u regola kardinali li fejn teżisti il-kompropjetà, sabiex tiġi goduta l-ħaġa in komun irid ikun hemm il-kunsens tal-koproprjetarji kollha. Din hija regola li tapplika għal propjetajiet miżmuma in komun b'mod ġenerali.[8]

25. Dan il-każ huwa iżjed partikolari in kwantu jitratta l-użu ta' qabar komuni. Bħala post ta' sepoltura ta' fdalijiet umani is-sitwazzjoni hija iżjed delikata minn sempliċi residenza ta' nies ħajjin matul ħajjithom.

26. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-appell ċivili fl-ismijiet **Damian Cachia et vs. Maria Baldacchino et**, deċiż fil-5 ta' Ottubru 1988,[9] fejn ġie ritenut:

> l-ewwel qorti applikat l-artikolu 531, illum artikolu 494, tal-Kodiċi Ċivili jinsab taħt it-titolu, 'Fuq il-komunjoni tal-beni', Subtitolu I intitolat 'Fuq in-natura tal-komunjoni tal-beni u l-jeddijiet tal-komproprjetarji matul il-komunjoni'. Dan l-artikolu jiddisponi li: (1) Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, il-qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komun u tista' taħtar amministratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfushom u (2) il-qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza billi tieħu qies l-għadd kollu tal-kompropjetarji iżda dan kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara.
>
> Il-qorti, bir-rispett kollu lejn l-ewwel qorti, ma tarax li dan l-artikolu jista' jiġi applikat fil-każ preżenti. Minn eżami akkurat tiegħu jidher li qiegħed jirreferixxi għall-amministrazzjoni u t-tgawdija ta' ħaġa in komuni, u għal ħatra ta' amministratur tal-ħaġa in komun. Dawn il-konċetti ta' tgawdija u amministrazzjoni evidentement ma japplikawx għas-salma ta' persuna

---

[8] Kif inghad fl-appell ċivili inferjuri **Paulina Stagno pro et noe et vs. Carmelo Bugeja et** deċiż fis-6 ta' Ottubru 2000:

> Dan għaliex, kif kontemplat fl-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili, kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-ħaġa komuni. Tajjeb pero li anki f'dan jiġi mfakkar illi dan hu hekk veru purke dak il-komproprjetarju ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interessi tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħrajn jinqdew biha huma wkoll skond il-jeddijiet tagħhom. Li jfisser ghalhekk li ma jistghax wiehed mill-komproprjetarji ta' dar jew ta' garaxx komuni jaqbad u jokkupa dik id-dar kontra l-kunsens tal-koproprjetarji l-oħra, u f' istess hin jipprekludi lil dawn milli jagħmlu użu huma wkoll mill-fond. Ara Kollez Vol. XXXIX PI p265.

Dwar dan il-punt ara wkoll l-appell ċivili **Maria Carmela Bezzina et vs. Brian Joseph sive Brian Bonello** deċiża fis-16 ta' Lulju 2024 fejn ingħad:

> Hekk kif komproprjetarju ma jistax jokkupa fond minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, kwalsijasi permess li għoġbu jagħti lil terzi biex jokkupaw il-fond, ukoll ma jorbotx lill-komproprjetarji l-oħra. Kull okkupazzjoni tal-fond li saret mill-konvenut u mill-membri tal-familja tiegħu tul is-snin evidentement seħħet bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha, liema kunsens seta' jiġi revokat fi kwalunkwe żmien.

[9] Vol 72, PII, Sezzjoni 1, paġ 342.

mejta jew għat-trasferiment tagħha minn post ta' sepoltura għall-post ta' sepoltura ieħor. Mhux konċepibbli li jkun hemm l-amministrazzjoni u tgawdija tas-salma ta' persuna mejta, li fil-kliem tar-Ricci, Diritto Civile, Volume II, pagna 92, hija, 'una cosa speciale che dal rispetto universale deve essere circondata una cosa sacra che non puo formare oggetto di proprieta.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm huwa minnu li r-rikorrenta hija komproprjetarja tal-qabar in kwistjoni ma oħtha, u in kwantu tali għandha jedd tuża dan il-qabar ukoll, mill-banda l-oħra l-jedd ta' użu tagħha mhux wieħed assolut. Dak l-użu ma jistax jippreġudika d-drittijiet tal-komproprjetarji l-oħra anke jekk l-użu propost ikun isegwi d-destinazzjoni tal-fond partikolari.

28. Il-preġudizzju għal-jeddijiet tal-komproprjetarja l-oħra f'dan il-każ jista' jitqies bħala:

(a) prattiku – ossija n-nuqqas ta' possibilita' li l-komproprjetarja tuża wkoll dak il-qabar għaliha u għall-familjari tagħha in kwantu l-qabar huwa spazju konfinat u limitat;
(b) emottiv – ġaladarba l-konvenuta wriet li fil-passat id-de cuius kien ukoll ikkommetta atti abbużivi fil-konfront tagħha u ta' ommha. L-użu tal-qabar mid-de cuius iwassal għal tbagħtija emozzjonali inġustifikata fil-konfront tal-konvenuta. Dan b'mod partikolari meta jitqies li qabar huwa post ta' ħażna permanenti u li allura anke l-ħsieb li l-fdalijiet tagħha jibqgħu viċini għal dawk ta' dik il-persuna li f'ħajjitha ma ġabitilhiex rispett huwa minnu nnifsu raġuni ta' preġudizzju f'dan il-kamp.

29. Kif ġja ingħad, il-fatt li l-attriċi kienet legalment separata minn Albert Gauci fil-mument tal-mewt tiegħu joħloq presunzjoni li hija ma kienetx werrieta tiegħu. Deċiżjonijiet marbuta mad-dfin ta' persuna huma rimessi lill-werrieta leġittimi tad-de cuius, aktar milli lil miżżewweġ legalment separat. Il-jedd ta' komproprjeta tagħha tal-qabar ma jagħtihiex ukoll il-jedd li tiddeċiedi hi li tuża l-qabar billi tqiegħed il-fdalijiet ta' żewġha li minnu kienet legalment separata.

30. Inoltre, Albert Gauci ma jirriżultax li b'xi mod kellu xi jedd reali jew personali li jindifen f'dan il-qabar. Huwa la kien jiġi bid-demm mit-testatriċi li ħalliet il-qabar lir-rikorrenta u lil oħtha konvenuta; u l-anqas ma kien imħolli xi jedd espliċitu mit-testatriċi li jindifen f'dak il-qabar. F'każ ta' disposizzjoni testamentarja marbuta ma

oqbra, huwa preżunt li t-testatur ikun qiegħed jitrasferixxi l-qabar lil werriet jew legatarju tiegħu b'mod li jkun użat mil-familjari stretti b'rabta bid-demm. Dawk li ma jkunux igawdu minn din ir-rabta jistgħu jindifnu wkoll fl-istess qabar dment li jkun hemm il-kunsens tal-komproprejtarji l-oħra – ħaġa li f'dan il-każ hija nieqsa. B'hekk f'dan il-każ allura ma jirriżultax li Albert Gauci setgħa jibbenefika minn *ius sepulchri* f'dan il-qabar jew xi jedd għalih *ius sanguinis*.

31. Konsegwentement, din il-qorti sejra tilqa' limitatament l-ewwel talba b'referenza biss għad-dikjarazzjoni li r-rikorrenti hija propjetarja fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż tal-imsemmi qabar kif ukoll li in kwantu tali hija tista' tuża dan l-istess qabar, għalkemm dan l-użu ma jistax fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jestendi għal dfin tas-salma ta' Albert Gauci. F'dan is-sens allura l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta relattivi għal dik it-tieni parti tal-ewwel talba jimmeritaw li jiġu milqugħa.

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta u tiddikjara li r-rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tipproponi t-tieni u t-tielet talbiet u għalhekk filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet talba, tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju dwarhom. Inoltre, tilqa' dik il-parti tal-ewwel talba limitatament fejn l-attriċi talbet li jiġi dikjarat li r-rikorrenta kienet propjetarja fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż tal-imsemmi qabar kif ukoll li, in kwantu tali, hija setgħet tuża dan l-istess qabar iżda fil-kontemp tilqa' t-tieni, tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuta fir-rigward ta' dik il-parti tal-ewwel talba fejn l-attriċi tippretendi li dak il-jedd tal-użu tagħha mill-qabar komuni kien jinkludi fih ukoll il-jedd li tidfen jew li ġġib fih minn post ieħor, is-salma ta' Albert Gauci, biex għalhekk il-Qorti tiċħad dik il-parti tal-ewwel talba tar-rikorrenta.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tar-rikorrenta.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**